

I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1458/2007

ta' l-10 ta' Diċembru 2007

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' lighters tal-but, tal-gass u ż-żnied, li ma jistgħux jergħu jimtlew, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u kunsinnati jew joriġinaw mit-Tajwan u fuq l-importazzjoni ta' ċerti lighters tal-but, taż-żnied, li jistgħu jergħu jimtlew, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u kunsinnati jew joriġinaw mit-Tajwan

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

16.9 % fuq importazzjonijiet ta' lighters tal-but, tal-gass u ż-żnied, li ma jistgħux jergħu jimtlew, li joriġinaw, *inter alia*, fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ" jew "Ċina")

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

- (2) Fl-1995, bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/95 ⁽³⁾, id-dazju oriġinali *ad valorem* kien mibdul b'dazju speċifiku ta' ECU 0 065 għal kull lighter.

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien kontra importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 11(2) tiegħu,

- (3) Wara investigazzjoni skond l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku ⁽⁴⁾ il-miżuri fuq imsemmija ġew estiżi bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 192/1999 ⁽⁵⁾ għal (a) importazzjoni ta' lighters tal-but, tal-gass u ż-żnied, li ma jistgħux jergħu jimtlew, kunsinnati minn jew li joriġinaw mit-Tajwan u (b) importazzjoni ta' ċerti lighters, li jistgħu jergħu jimtlew, li joriġinaw miċ-Ċina u kunsinnati minn jew fit-Tajwan b'valur, dazju mhux imħallas u liberu fil-fruntiera Komunitarja, ta' anqas minn EUR 0,15 kull biċċa.

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara li ġie kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

- (4) Fl-2001 bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1824/2001 ⁽⁶⁾, il-Kunsill ikkonferma d-dazji anti-dumping definittivi imposti bir-Regolament (KE) Nru 1006/95 kif estiż bir-Regolament (KE) Nru 192/1999 ("miżuri eżistenti") skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

A. PROCĊEDURA

1. Miżuri fis-seħħ

- (1) Fl-1991, il-Kunsill, bir-Regolament (KEE) Nru 3433/91 ⁽²⁾, impona dazju anti-dumping definittiv ta'

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

⁽²⁾ ĠU L 326, 28.11.1991, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 174/2000 (ĠU L 22, 27.1.2000, p. 16).

⁽³⁾ ĠU L 101, 4.5.1995, p. 38.

⁽⁴⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

⁽⁵⁾ ĠU L 22, 29.1.1999, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 248, 18.9.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 155/2003 (ĠU L 25, 30.1.2003, p. 27).

2. It-talba għal reviżjoni

- (5) Wara l-pubblikazzjoni ta' l-avviż ta' skadenza imminente tal-miżuri eżistenti ⁽¹⁾, fis-16 ta' Ġunju 2006, il-Kummissjoni rċeviet talba għal verifika tal-miżuri skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.
- (6) Din it-talba saret minn BIC S.A, produttur Komunitarju li jirrappreżenta aktar minn 80 % tal-produzzjoni Komunitarja totali ta' lighters tal-but, tal-gass u ż-żnied, li ma jergħux jimtew. It-talba għal reviżjoni ta' l-iskadenza kienet ibbażata fuq ir-raġuni li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx tirriżulta fi tkompliġa jew rikorrenza ta' dumping u ħsara lill-industrija Komunitarja.
- (7) Meta ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti biżżejjed evidenza sabiex jingħata bidu ta' reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni permezz ta' avviż ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* bdiet din ir-reviżjoni fis-16 ta' Settembru 2006 ⁽²⁾.

3. L-investigazzjoni

3.1. Il-perjodu ta' l-investigazzjoni

- (8) L-investigazzjoni dwar il-kontinwazzjoni u/jew ir-rikorrenza ta' dumping u dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 ta' Ġunju 2006 (il-"perjodu tar-reviżjoni ta' l-investigazzjoni" jew "PRI"). L-eżaminazzjoni tattendenzi relevanti għall-istima tal-possibbiltà ta' kontinwazzjoni u/jew rikorrenza tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sat-tmiem tal-PRI ("il-perjodu kkunsidrat").

3.2. Partijiet ikkonċernati bl-investigazzjoni

- (9) Il-Kummissjoni uffiċjalment avżat lill-produttur Komunitarju applikant, liż-żewġ produtturi Komunitarji l-oħra, l-esportaturi/produtturi fir-RPĊ u l-importaturi magħrufa li huma ikkonċernati, kif ukoll l-awtoritajiet fir-RPĊ u t-Tajwan bil-bidu tar-reviżjoni ta' skadenza. Il-partijiet interressati ngħataw l-opportunità li jikkomunikaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' ftuħ.
- (10) Il-produttur Komunitarju applikant, żewġ produtturi Komunitarji oħra li opponew iż-żamma tal-miżuri anti-dumping u assoċjazzjoni ta' l-importaturi ppreżentaw l-opinjoni tagħhom. Il-partijiet interressati kollha li għamlu din it-talba u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex kellhom jinstemgħu, ingħataw seduta.

- (11) Fl-avviż tal-bidu, il-Kummissjoni indikat li f'dan l-istħarriġ l-esportaturi/produtturi fir-RPĊ setgħu jintużaw bħala kampjun. Madankollu, minħabba li ebda wieħed mill-produtturi/esportaturi fir-RPĊ ma identifika ruħu, ġie deċiż li t-teħid tal-kampjuni ma kienx meħtieġ.
- (12) Intbagħtu kwestjonarji lill-produttur Komunitarju applikant, liż-żewġ produtturi Komunitarji l-oħra, it-62 produttur/esportatur fir-RPĊ u 33 importatur u lill-Assoċjazzjoni Ewropea ta' l-Importaturi ta' Oġġetti Ħfief ("ELIAS"). B'żieda ma' dan, il-produttur tal-pajjiż analogu propost, il-Brażil, kif ukoll 8 produtturi f'pajjiżi analogi oħra possibbli, ġew ikkuntattjati u ntbagħtilhom kwestjonarju. Waslu biss tweġibiet mill-produttur Komunitarju applikant u l-produttur fil-Brażil, kif ukoll kumpanija fil-Malasja, li ġiet ikkuntattjata bħala pajjiż analogu alternattiv. Ebda wieħed mill-produttur/esportaturi magħrufa fir-RPĊ ma wiegħeb il-kwestjonarju. Aktar minn hekk, ebda wieħed mill-importaturi kkuntattjati ma wiegħbu fil-kwestjonarju li ma jimportawx il-prodott ikkonċernat, imma biss lighters elettroniċi (piezo).
- (13) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li tqies neċessarju għall-investigazzjoni tagħha, u wettqet żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti tal-kumpanniji li ġejjin:

Produtturi Komunitarji:

- BIC S.A. HQ – Clichy, Franza
- BIC IBERIA S.A. – Tarragona, Spanja

Produttur u kumpanija relatata fil-pajjiż analogu:

- BIC Amazonia S.A., Manaus, il-Brażil
- BIC Brasil S.A., Cajamar, il-Brażil

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

- (14) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess bħal fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri eżistenti, i.e. lighters tal-but, tal-gass u ż-żnied, li ma jistgħux jergħu jimtew. Kif deskritt fil-premessa (3), l-iskop tal-prodott ġie estiż fl-1999 sabiex jinkludi lighters tal-but, taż-żnied, li jistgħu jergħu jimtew, li jinkorporaw korp f'forma ta' kontenitur tal-plastik ("lighters taż-żnied" jew "il-prodott ikkonċernat"). Il-prodott ikkonċernat bħalissa huwa klassifikat fi ħdan il-kodiċijiet NM ex 9613 10 00 u ex 9613 20 90 (kodiċijiet TARIC 9613 10 00 11, 9613 10 00 19, 9613 20 90 21 u 9613 20 90 29).

⁽¹⁾ ĠU C 321, 16.12.2005, p. 4.

⁽²⁾ ĠU C 223, 16.9.2006, p. 7.

- (15) Wieħed mill-produtturi fil-Komunità li ma lmentawx qal li l-prodott magħmul u mibjugħ fil-pajjiż analogu, il-Brażil, ma kienx bħall-prodott magħmul u esportat miċ-Ċina lejn il-Komunità. B'mod partikolari argumenta li l-lighters li jsiru fil-Brażil kienu ta' kwalità għolja u kellhom ħajja itwal minn dawk taċ-Ċina. Id-differenzi fil-kwalità madankollu, m'humix deċiżivi għad-determinazzjoni ta' jekk il-prodotti humix simili fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku. L-investigazzjoni żvelat li l-lighters magħmula fiċ-Ċina u dawk magħmula fil-Brażil fil-fatt kellhom l-istess karatteristiċi bażiċi tekniċi, fiżiċi u kimiċi u l-istess użu aħħari. Dan l-argument ġie għalhekk irrifjutat.
- (16) Konsegwentement, kif jidher fl-investigazzjonijiet preċedenti msemmija fil-premessi (1) sa (4), u kif ikkonfermat bl-investigazzjoni kurrenti lighters tal-but, tal-gass u ż-żnied, li ma jistgħux jergġu jimtlew, manifatturati minn produtturi esportaturi Ċiniżi u mibjugħa fir-RPĊ u fis-suq Komunitarju u l-prodott manifatturat u mibjugħ mill-applikant li huwa produttur Komunitarju fis-suq Komunitarju huma l-istess fl-aspetti kollha u għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi u m'hemmx differenza fl-użu. L-istess jgħodd għal dawk prodotti u mibjugħa fil-Brażil. Dawn il-prodotti huma għalhekk simili fis-sens ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.
- (19) It-Tajlandja serviet bħala pajjiż analogu fl-investigazzjoni oriġinali. Madankollu, fir-reviżjonijiet sussegwenti, il-Filippini ntuża bħala l-pajjiż analogu minħabba li l-produtturi tat-Tajlandja rrifjutaw li jikkoperaw u minħabba li l-Filippini nstab li huwa għażla adattata ta' pajjiż analogu, fid-dawl, *inter alia*, tad-daqs u l-ftuħ tas-suq domestiku.
- (20) Fin-notifika tal-bidu ta' l-investigazzjoni preżenti l-Kummissjoni indikat l-intenzjoni tagħha li tuża l-Brażil bħala pajjiż analogu adattat għall-iskop li tistabbilixxi valur normali għar-RPĊ. Il-Brażil kien ikkunsidrat għażla adattata ta' pajjiż analogu, fid-dawl tad-daqs u l-ftuħ tas-suq domestiku tiegħu u l-fatt li produttur wieħed Brażiljan qabel li jkkopera b'mod sħiħ fl-investigazzjoni. Il-partijiet interessati kienu mistiedna jikkumentaw dwar dan.
- (21) Assoċjazzjoni waħda ta' l-importaturi opponiet l-għażla tal-Brażil u argumentat li kien hemm biss produttur wieħed fil-Brażil u l-prezzijiet domestiċi kienu ferm għoljin. Wieħed mill-produtturi Komunitarji li ma lmentax qal li l-livell ta' kompetizzjoni fil-Brażil kien aktar baxx minn dak fis-suq domestiku Ċiniż u għalhekk is-swieq ma kinux kumparabbli. Madankollu, filwaqt li n-numru ta' produtturi fil-Brażil kien aktar baxx min-numru allegat ta' produtturi fiċ-Ċina, l-investigazzjoni kkonfermat li kien hemm żewġ produtturi tal-prodott ikkonċernat fil-Brażil kif ukoll importazzjonijiet mill-UE u mir-RPĊ. Rigward lighters impurtati mir-RPĊ, l-invojsis miksuba matul l-investigazzjoni fil-post fil-Brażil urew li dawn daħlu fil-pajjiż bi prezz verament baxx, għalhekk kienu qed jagħmlu pressjoni ta' tbaxxija tal-prezzijiet fuq is-suq Brażiljan. Aktar minn hekk, ebda wieħed mill-produtturi magħrufa kkuntattjati f'pajjiżi analogi oħra possibbli, inkluż il-Filippini, ma qablu li jkkoperaw. Kumpanija fil-Malasja wieġbet il-kwestjonarju għall-produtturi fil-pajjiż analogu, imma minħabba li deher li din il-kumpanija ma pproduċietx il-lighters hi nfisha, il-Malasja ma setgħetx titqies bħala pajjiż analogu.

C. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW RIKORRENZA TAD-DUMPING

1. Rimarki preliminari

- (17) Bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti tar-reviżjoni, il-produtturi esportaturi Ċiniżi ma kkoperawx. Għalhekk, ma seta' jinġabar l-ebda tagħrif disponibbli dwar l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità matul il-PRI direttament mill-produtturi esportaturi. F'dawn iċ-ċirkostanzi, u skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni rrikorriet għall-fatti disponibbli, i.e. l-Eurostat, it-talba għall-bidu ta' reviżjoni u d-*data* ppubblikata mill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (l-"OLAF") fit-30 ta' Jannar 2007 (OLAF/07/01) rigward skartar tad-dazju anti-dumping fis-seħħ.

2. Dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni

2.1. Il-pajjiż analogu

- (18) Il-miżuri eżistenti jipprovdu għal dazju wieħed għal madwar il-pajjiż kollu fuq l-importazzjoni kollha fil-Komunità tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ. Skond l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni użat l-istess metodoloġija bħalma ntużat fl-investigazzjoni oriġinali. Għalhekk, valur normali kien

2.2. Il-valur normali

- (22) Minħabba dan ta' hawn fuq, ġie konkluż skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku li l-Brażil huwa l-iktar pajjiż analogu xieraq u raġonevoli.
- (23) Skond l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali ġie stabbilit fuq il-bażi ta' l-informazzjoni vverifikata li ġiet ipprovduta mill-produttur fil-pajjiż analogu.

(24) Il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet li l-bejgħ domestiku totali tal-produttur Brażiljan sar fi kwantitajiet suffiċjenti u għalhekk kien ikkunsidrat rappreżentattiv fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku.

(25) Wara eżaminat jekk kull tip tal-prodott ikkonċernat li nbiegħ fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku tal-pajjiż analogu setax jitqies li kien qed jinbiegħ waqt l-andament ordinarju tal-kummerċ skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Il-volum tal-bejgħ mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett daqs jew ogħla mill-prezz ikkalkolat tal-produzzjoni rrappreżenta 80 % jew iżjed tal-volum tal-bejgħ totali u l-prezz medju bil-piż differenzjat ta' dak it-tip kien 'il fuq mill-ispiża tal-produzzjoni. Dan il-prezz kien għalhekk ikkalkolat bħala l-medja bil-piż differenzjat tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip li sar matul il-PRI, rrispettivament minn jekk dan il-bejgħ kienx profitabbli jew le.

(26) Għalhekk il-valur normali kien determinat, skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tal-prezz imħallas jew pagabbli, fil-kors ordinarju tan-negozju, minn klijenti domestiċi indipendenti tal-pajjiż analogu.

2.3. Il-prezz ta' esportazzjoni

(27) Minħabba li ebda wieħed mill-produtturi Ċiniżi ma kkoopera, il-prezz ta' l-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat kien ikkalkolat fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skond l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku, f'dan il-każ id-*data* ta' l-Eurostat.

2.4. Paragun

(28) Sabiex jiġi żgurat paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Ingħataw aġġustamenti xierqa għat-trasport, l-assigurazzjoni, u l-ispejjeż tal-kreditu fil-każijiet kollha fejn instab li kienu raġonevoli, eżatti u appoġġati b'evidenza vverifikata.

(29) Wieħed mill-produtturi Komunitarji li ma ilmentax qal li l-lighters fil-Brażil kienu magħmula bi spejjeż ogħla minħabba l-istandards ta' kwalità ogħla, iżda ma ppreżenta ebda prova li tikkwantifika jew tappoġġa din l-istqarrija. Minħabba li l-produtturi esportaturi Ċiniżi ma kkooperawx, din l-investigazzjoni ma żvelat ebda indikazzjoni li tippermetti l-aġġustar tal-valuri normali fuq il-

bażi tad-differenzi allegati tal-kwalità. Dan l-argument ġie għalhekk irrifjutat.

2.5. Il-marġini tad-dumping

(30) Skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-valur medju normali mwieżen li kien stabbilit għall-pajjiż analogu kien ipparagunat mal-prezz medju bil-piż differenzjat ta' l-esportazzjoni fuq il-bażi tal-prezz barra l-fabbrika. Dan il-paragun wera l-eżistenza ta' dumping sinifikanti, il-marġini ta' dumping ammonta għal aktar minn 150 %.

3. L-iżvilupp ta' l-importazzjonijiet jekk il-miżuri jitħallew jiskadu

3.1. Kummmenti preliminari

(31) Ta' min ifakkar li l-miżuri ilhom fis-seħħ mill-1991. Madankollu, hemm rekord twil ta' evażjoni tal-miżuri. Fl-1999 instabu żewġ tipi ta' evażjoni tal-miżuri: trasbordjar mit-Tajwan u l-iffittjar ta' valvi foloz fil-lighters sabiex jidhru li jstgħu jimtlew u għalhekk jevitaw id-dazju anti-dumping. Konsegwentement, kif iddikjarat fil-premessa (2), il-miżuri ġew estiżi fl-1999 sabiex jikkumbattu dawn il-prattiċi. Fl-2001, reviżjoni ta' skadenza tal-miżuri fis-seħħ uriet li l-miżuri għandhom jiġu estiżi għal perjodu ieħor ta' ħames snin minħabba l-probabbiltà ta' tkompli jew rikorrenza ta' dumping u ħsara.

3.2. Importazzjonijiet kurrenti u konklużjonijiet riċenti rigward l-evażjoni tal-miżuri

(32) Il-volumi ta' importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mir-PC u t-Tajwan fil-PRI ammontaw għal 11.7 miljun biċċa skond l-Eurostat. Fir-realtà, madankollu, l-importazzjonijiet fil-Komunità huma ferm ogħla minħabba li, kif ikkonfermat mill-OLAF, hemm skartar massiv tal-lighters Ċiniżi permezz tal-Malasja u l-Indonesja. Skond id-*data* ppubblikata mill-OLAF f'Janar 2007 aktar minn 300 miljun lighter taż-żnied li oriġinaw fiċ-Ċina ġew mibgħuta mill-Malasja matul l-aħħar erba' snin. L-uniku skop ta' dan it-trasbordjar kien sabiex jaħbi l-oriġini vera Ċiniża ta' l-oġġetti u hekk jiġi evitat il-ħlas tad-dazji anti-dumping.

(33) L-investigazzjoni OLAF sabet ukoll li ammont kbir ta' lighters importati mill-Indoneżja, fil-fatt ma oriġinawx f'dak il-pajjiż. L-investigazzjoni fl-oriġini vera qed tkompli. L-applikant qed jippjana li jressaq każ ta' evażjoni kontra sitt pajjiżi fil-Lvant Imbiegħed.

- (34) Barra l-evalwazzjoni permezz tat-trasbord, kif ippruvat mill-OLAF, l-applikant, fit-talba tiegħu għal revizzjoni, ipprova prova ta' dikjarazzjoni skorretta tal-lighters taż-żnied (il-prodott ikkonċernat) bħala dak hekk imsejjaħ lighters elettroniċi (piezo) (mhux il-prodott ikkonċernat) sabiex jiġi evitat il-ħlas tad-dazju anti-dumping.
- (35) L-assoċjazzjoni ta' l-importaturi ELIAS u importatur wieħed qalu li l-Kummissjoni qed tasal għal konklużjonijiet definittivi mill-investigazzjoni kurrenti ta' l-OLAF u qalu li ma kinux f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod validu d-dritt tagħhom tad-difiża u jikkumentaw dwar il-konklużjonijiet li għalihom waslet il-Kummissjoni minn dawn l-iskoperti kunfidenzjali.
- (36) F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li l-Kummissjoni użat biss informazzjoni ppubblikata li għandhom aċċess għaliha l-partijiet kollha, u li huma riżultati li jistgħu jiġu spjegati u setgħu ġew injorati fil-kuntest ta' dan il-proċediment.
- 3.3. *Evoluzzjoni tal-produzzjoni u kapaċità ta' użu fir-RPĊ*
- (37) Minħabba n-nuqqas ta' koperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi fl-investigazzjonijiet ta' revizzjoni preżenti u fil-passat, m'hemmx data vverifikata dwar il-kapaċità u l-użu tal-kapaċità. Skond l-estimi ta' l-applikant il-kapaċità totali tal-produzzjoni fir-RPĊ tammonta għal madwar 3.9 biljun lighter fis-sena, il-maġġoranza tagħhom huma probabbilment lighters taż-żnied. Dawn l-estimi huwa skond id-data mogħtija mill-manifatturi ħfief Ċiniżi fil-websajts tagħhom. Per eżempju, produttur wieħed Ċiniż, Zhuoye Lighter Manufacturing Co Ltd, fil-websajt tiegħu jgħid li l-produzzjoni fit-tliet fabbriki tammonta għal 700 miljun lighter fis-sena. Il-produttur ikkonċernat madankollu, ma speċifikax it-tqassim bejn il-prodott ikkonċernat u tipi oħra ta' lighters. Skond l-applikant, madankollu, l-produzzjoni tista' tinqaleb faċilment bejn lighters taż-żnied u lighters elettroniċi (piezo).
- (38) Fuq il-bażi ta' dan t'hawn fuq jista' jiġi konkluż li, fid-dawl tal-kapaċità kbira disponibbli fir-RPĊ u l-flessibbiltà apparenti fil-proċessi ta' produzzjoni, li jagħmilha faċli li taqleb bejn tipi differenti ta' lighters, hemm probabbiltà qawwija ta' żieda fl-importazzjonijiet fil-Komunità jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Il-prattiċi ta' evalwazzjoni li hemm provi tagħhom juru wkoll li l-esportaturi Ċiniżi għandhom interess qawwi fis-suq Komunitarju.
- 3.4. *Esportazzjonijiet Ċiniżi lil pajjiżi terzi oħra.*
- (39) Minħabba li ebda wieħed mill-produtturi esportaturi Ċiniżi ma kkopera, m'hemmx informazzjoni vverifikata rigward l-esportazzjonijiet ta' lighters taż-żnied lil pajjiżi terzi. Aktar minn hekk minħabba li l-istatistiċi disponibbli tal-pajjiżi terzi ma jiddistingwux bejn lighters (piezo) elettroniċi u taż-żnied, m'hu possibbli li jsir ebda paragun bejn il-prezzijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità u prezzijiet ta' esportazzjoni lil pajjiżi terzi oħra.
- (40) L-industrija Komunitarja wriet li qed tikkompeti b'suċċess ma' l-importazzjonijiet Ċiniżi fis-suq ta' l-Istati Uniti fejn iċ-Ċiniżi tilfu s-sehem mis-suq. Dan jissuġġerixxi li jkun hemm inċentiv ċar għall-produtturi Ċiniżi li jaqilbu l-esportazzjonijiet lis-suq Komunitarju jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.
- (41) L-importaturi rrifjutaw il-konklużjonijiet t'hawn fuq għax qalu li l-imġiba ta' l-industrija Komunitarja fis-suq ta' l-Istati Uniti tista' ma tkunx minħabba l-kompetittività tagħha imma minħabba deċiżjoni tan-negozju li tittrasferixxi l-profitti mill-Komunità lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika. L-importaturi qalu wkoll li fuq il-bażi ta' marġini ogħla ta' profitt fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-produtturi esportaturi Ċiniżi ma jkollhomx inċentiv li jaqilbu l-esportazzjonijiet lejn is-suq Komunitarju.
- (42) L-importaturi ma ppreżentaw ebda prova jew raġunament ieħor la fir-rigward tat-trasferimenti allegati fil-profitti ta' l-industrija Komunitarja lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika, u lanqas l-allegat marġini ogħla ta' profitt tal-produtturi esportaturi Ċiniżi fis-suq ta' l-Istati Uniti. Dawn l-istqarrijiet lanqas ma kienu ikkonfermati mill-informazzjoni vverifikata disponibbli fil-fajl ta' l-investigazzjoni. Kienu purament spekulattivi u għalhekk ġew irrifjutati.
- (43) Għandu jiġi nnutat li l-livell ta' kompetizzjoni fis-suq ta' l-Istati Uniti ma jistax jiġi meqjus bħala l-unika raġuni sabiex wieħed jikkonkludi li l-industrija Komunitarja għandha tkun qed tikseb anqas profitt. Elementi oħrajn, bħall-aspettattivi tal-klijenti u l-livelli tal-prezzijiet għandu jittieħed kont tagħhom.
- (44) Addizzjonalment, l-importaturi qalu li s-swieg tal-Komunità u ta' l-Istati Uniti huma simili fis-sens li jridu jiġu osservati l-istess kundizzjonijiet ta' sigurtà fiż-żewġ swieg; instab li kundizzjonijiet aktar stretti instabu fis-seħħ fl-Istati Uniti mill-1994 fir-rigward tas-sigurtà tat-tfal; filwaqt li normi simili ġew introdotti biss fil-Komunità f'Marzu 2007.

4. Konklużjoni

- (45) L-investigazzjoni wriet li, filwaqt li l-volumi ta' importazzjoni tal-prodott ikkonċernat fil-PRI kienu relattivament baxxi, il-livell tad-dumping misjub għal dawn l-importazzjonijiet kien sinifikanti.
- (46) Fid-dawl tal-kapaċità kbira disponibbli fir-RPĊ u l-attrazzenza apparenti tas-suq Komunitarju għall-produtturi esportaturi Ċiniżi, kif muri bil-prattiċi estensivi ta' evażjoni, jista' jiġi konkluż li hemm probabbiltà qawwija li l-volumi ta' importazzjonijiet dumped fil-Komunità jillhqu livelli sostanzjali jekk il-miżuri eżistenti jitħallew jiskadu.

D. DEFINIZZJONI TA' L-INDUSTRIJA KOMUNITARJA

- (47) Fil-Komunità, il-prodott simili huwa manifatturat minn 3 produtturi li jikkostitwixxu l-produzzjoni Komunitarja totali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.
- (48) Għandu jiġi nnutat li kif kumparat ma' l-investigazzjoni oriġinali kuntrarju għall-Match u Flamangas Żvediżi, il-produzzjoni ta' min ressaq l-ilment xorta għadha bbażata fl-UE (Franza u Spanja).
- (49) Il-produttur Komunitarju applikant, BIC SA, jirrappreżenta madwar 80 % tal-produzzjoni Komunitarja ta' lighters li ma jistgħux jerġgħu jimtlew u għalhekk jikkostit-

wixxi l-industrija Komunitarja fis-sens ta' l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. Il-produtturi Komunitarji l-oħra ma kinux meqjusa li jiformaw parti mill-industrija Komunitarja minħabba li ma kkoperawx għal kollox iżda ppreżentaw biss ċertu informazzjoni relatata ma' l-impatt tal-miżuri fuq l-attivitajiet tagħhom.

E. IS-SITWAZZJONI FIS-SUQ KOMUNITARJU

1. Rimarki preliminari

- (50) Għar-raġunijiet spjegati fil-premissa (16) hawn fuq, l-analiżi fir-rigward tas-sitwazzjoni fis-suq Komunitarju kienet bbażata fuq *data* kollettiva relatata ma' lighters tal-gass, lighters tal-gass u ż-żnied li ma jistgħux jerġgħu jimtlew, lighters tal-gass li jimtlew ("lighters taż-żnied" jew "il-prodott ikkonċernat").
- (51) Aktar minn hekk, kif imsemmi hawn fuq, ma kienx possibbli li tinkiseb *data* fir-rigward ta' l-attivitajiet taż-żewġ produtturi Komunitarji li għandhom faċilitajiet ta' manifattura fis-suq Komunitarju. Konsegwentement, il-Kummissjoni użat il-fatti disponibbli, skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, fejn aktar informazzjoni preċiża ma kinitx disponibbli mill-partijiet interessati l-oħra.
- (52) Minħabba l-fatt li d-*data* rigward il-bejgħ u l-produzzjoni kienet disponibbli minn parti interessata, l-applikant, huwa meqjus xieraq li ma jinkixfux ċifri assoluti. Għalhekk inbidlu bis-simbolu "—" u ġew ipprovduti indiċijiet.

2. Il-konsum fis-suq Komunitarju

- (53) Il-konsum Komunitarju apparenti tal-lighters taż-żnied ġie evalwat fuq il-bażi tal-volum tal-bejgħ fil-Komunità kif ipprovdut mill-industrija Komunitarja, u importazzjonijiet minn pajjiżi mhux ta' l-UE kif rapportat mill-Eurostat. Dawn il-figuri ma jinkludux il-bejgħ ta' produtturi tal-KE li ma kkoperawx.

Tabella 1 – Il-konsum Komunitarju tal-lighters taż-żnied (000)

	2003	2004	2005	PRI
L-Unitajiet	529 550	575 394	661 378	727 715
Indiċi	100	109	125	137
Xejra Y/Y		+ 9 %	+ 15 %	+ 10 %

Sors: Tweġibiet tal-kwestjonarju vverifikat u Importazzjonijiet ta' l-UE (datavase Comext TARIC)

- (54) Il-konsum Komunitarju apparenti żdied b'37 % bejn l-2003 u l-PRI.

3. Volum, sehem mis-suq u prezzijiet ta' l-importazzjoni mir-RPĊ u t-Tajwan.

3.1. Il-volum ta' l-importazzjonijiet u s-sehem tas-suq

- (55) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum ta' importazzjoni tal-lighters taż-żnied miċ-Ċina u t-Tajwan għalkemm baqa' flivelli baxxi żdied b'136 % bejn l-2003 u l-PRI u laħaq aktar minn 11-il miljun unità matul il-PI. Dan issarraff f'sehem mis-suq ta' 1.6 %. Is-sehem tas-suq żdied minn 0,9 % fl-2003 għal 1,6 % matul il-PRI.

Tabella 2 – Importazzjonijiet tal-lighters taż-żnied miċ-Ċina u t-Tajwan u sehem tas-suq (000)

	2003	2004	2005	PRI
Volum ta' importazzjoni	4 949	7 902	15 452	11 657
Indiċi	100	160	312	236
Sehem mis-suq	0,9 %	1,4 %	2,3 %	1,6 %
Prezz ta' l-unità	0,22	0,14	0,13	0,14
Indiċi	100	66	60	65

Sors: Tweġibiet tal-kwestjonarju vverifikat u Importazzjonijiet ta' l-UE (datavase Comext TARIC)

4. L-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra

- (56) L-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra żdiedu minn madwar 276 miljun għal madwar 487 miljun biċċa. Għandu jġi nnutat madankollu li hemm indikazzjoni li parti sostanzjali minn dawn l-importazzjonijiet, fil-fatt, joriġinaw mir-RPĊ u t-Tajwan.

Tabella 3 – Importazzjonijiet tal-lighters taż-żnied minn pajjiżi oħra u sehem mis-suq (000)

	2003	2004	2005	PRI
Volum ta' importazzjonijiet mill-Malasja	60 596	57 717	65 729	47 162
Indiċi	100	95	108	78
Sehem mis-suq	11,4 %	10,0 %	9,9 %	6,5 %
Prezz ta' l-unità	0,04	0,04	0,04	0,04
Indiċi	100	95	93	89
Volum ta' importazzjonijiet mill-Indonesja	51 968	56 907	68 524	72 012
Indiċi	100	110	132	139
Sehem mis-suq	9,8 %	9,9 %	10,4 %	9,9 %
Prezz ta' l-unità	0,05	0,04	0,04	0,04
Indiċi	100	76	75	81
Volum ta' importazzjonijiet mill-Vjetnam	106 117	156 938	191 498	237 529
Indiċi	100	148	180	224

	2003	2004	2005	PRI
Sehem mis-suq	20,0 %	27,3 %	29,0 %	32,6 %
Prezz ta' l-unità	0,05	0,04	0,04	0,04
Indiċi	100	92	87	91
Volum ta' importazzjonijiet mill-Bqija tad-Dinja	53 294	56 377	65 025	119 268
Indiċi	100	106	122	224
Sehem mis-suq	10,1 %	9,8 %	9,8 %	16,4 %
Prezz ta' l-unità	0,08	0,09	0,07	0,07
Indiċi	100	101	81	83

5. L-evoluzzjoni tal-prezzijiet u l-imġiba tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet tal-prodott interressat

- (57) Kif imsemmi hawn fuq fil-premessa (12), fin-nuqqas ta' koperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, ebda informazzjoni vverifikata ma kienet disponibbli fir-rigward tal-livelli tal-prezzijiet ta' l-importazzjoni tal-lighters taż-żnied. Evidenza ta' skartar permezz ta' l-Indonesja u l-Malasja instabet riċentement mill-OLAF u hemm xi evidenza ta' skartar minn għadd ta' pajjiżi oħra Asjatiċi (Laos, it-Tajlandja, il-Vjetnam u l-Filippini). Jidher li l-fabbriki ta' l-assemblaġġ li jippermettu l-miżuri ta' skartar jistgħu jitwaqqfu fl-Asja tal-Lvant fi żmien ftit ġimgħat. L-iskartar b'suċċess tal-miżuri jista' jispjega għaliex l-ebda wieħed mill-esportaturi Ċiniżi ma kkopra fil-proċedimenti preżenti.
- (58) Għalhekk ma seta' jkun hemm l-ebda konklużjoni definittiva fir-rigward ta' l-evoluzzjoni tal-prezz u l-aġir tal-prezz ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat.

6. Il-qagħda ekonomika ta' l-industrija Komunitarja

6.1. Kummenti Ġenerali

- (59) Skond l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi u l-indikaturi ekonomiċi kollha rilevanti li għandhom piż fuq l-istat ta' l-industrija Komunitarja.

6.2. Il-volum ta' produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

- (60) Il-produzzjoni totali tal-lighters taż-żnied mill-industrija Komunitarja żdied b'rata stabbli matul il-perjodu kkunsidrat, i.e. bi 22 %.

Tabella 4 – Volum ta' produzzjoni

	2003	2004	2005	PRI
Produzzjoni	—	—	—	—
Indiċi	100	109	120	122
Xejra Y/Y		+ 9 %	+ 10 %	+ 1 %

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju

- (61) Hekk kif żdiedet il-produzzjoni b'rata ogħla miż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità żdied ukoll matul il-perjodu kkunsidrat. Kollox ma' kollox, ir-rata ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità segwiet xejriet simili għal dawk ta' produzzjoni b'żidiet bejn l-2003 u l-PRI bi 3 punti perċentwali.

Tabella 5 – Kapaċità ta' produzzjoni u utilizzazzjoni tal-kapaċità

	2003	2004	2005	PRI
Kapaċità tal-produzzjoni	—	—	—	—
Indiċi	100	109	114	118
Xejra Y/Y		+ 9 %	+ 4 %	+ 4 %
L-utilizzazzjoni tal-kapaċità	76 %	75 %	80 %	78 %
Indiċi	100	100	105	103

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju

6.3. Ħażniet

- (62) Il-ħażniet baqgħu stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Il-quċċata osservata fil-PRI hija dovuta għal ħażna intenzjonata fid-dawl tat-twaqqif tal-produzzjoni matul il-perjodu tas-sajf u għandha tiġi normalizzata wara dak il-perjodu. Dan il-fattur ma kienx għalhekk ikkunsidrat sinifikanti fid-determinazzjoni ta' l-istampa tad-dannu.

Tabella 6 – Volum ta' ħażniet

	2003	2004	2005	PRI
Ħażna	—	—	—	—
Indiċi	100	105	95	225
Xejra Y/Y		+ 5 %	- 10 %	137 %

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju

6.4. Volum tal-bejgħ, prezzijiet u sehem mis-suq

- (63) Il-volumi tal-bejgħ mill-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju bejn l-2003 u l-PRI naqas b'5 %, mingħajr, madankollu, ma jlaħħaq ma' l-espansjoni tal-konsum Komunitarju, li żdied sostanzjalment, jiġifieri b'37 % matul l-istess perjodu. Din iż-żieda fil-konsum tfisser li t-tnaqqis ġenerali tas-sehem tas-suq ta' l-industrija Komunitarja hija aktar minn 14-il punt perċentwali ("pp") matul il-perjodu kkunsidrat.
- (64) F'dak li għandu x'jaqşam mal-prezzijiet tal-bejgħ bl-unità, dawn naqsu ftit bejn l-2003 u l-PRI bi tnaqqis ta' 2 % bejn l-2005 u l-PRI.

Tabella 7 – Volum tal-bejgħ, prezzijiet u sehem mis-suq

	2003	2004	2005	PRI
Il-volum tal-bejgħ (unitajiet)	—	—	—	—
Indiċi	100	95	101	95
Xejra Y/Y		- 5 %	+ 7 %	- 6 %
Prezzijiet Medji (EUR/unità)	—	—	—	—
Indiċi	100	98	95	97
Xejra Y/Y		- 1 %	- 4 %	+ 3 %
Sehem tas-suq	47,7 %	41,6 %	38,6 %	33 %
Xejra Y/Y		- 6,1 pp	- 3 pp	- 5,6 pp

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju

6.5. Impjiegi, produttività u pagi

- (65) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-impjegar żdied b'5 %, i.e. b'pass anqas mill-produzzjoni fil-volum, li rriżultat b'żieda sinifikanti ta' produttività (15 %). Għandu jiġi nnutat li ż-żieda fl-impjiegi kienet irriżultat ta' personell ġdid li qed jiġi mħarreġ, sabiex jissostitwixxi personell li se jirtira.
- (66) Fil-fatt, matul il-perjodu kkunsidrat l-ispejjeż tax-xogħol ta' l-industrija Komunitarja (+ 7 %) żdiedu bi ftit biss. B'konsegwenza ta' dan, parti mill-ispejjeż tax-xogħol fl-ispiża totali tal-produzzjoni baqgħet stabbli.

Tabella 8 – Impjiegi, produttività u pagi

	2003	2004	2005	PRI
Xogħol	816	856	856	859
Indiċi	100	105	105	106
Xejra Y/Y		+ 5 %	0 %	+ 0 %
Produttività (unitajiet għal kull impjegat)	—	—	—	—
Indiċi	100	104	114	115
Xejra Y/Y		+ 4 %	+ 10 %	+ 1 %
Spejjeż tax-xogħol (000 EUR)	—	—	—	—
Indiċi	100	99	104	107
Xejra Y/Y		- 1 %	+ 5 %	+ 2 %

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju

6.6. Profitti

- (67) Il-profitabbilità naqset b'4.6 punti perċentwali.

Tabella 9 – Profittabilità

	2003	2004	2005	PRI
Profittabilità (%)	—	—	—	—
Xejra Y/Y		– 0,2 pp	– 2,0 pp	– 2,4 pp

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju

6.7. Investimenti

- (68) L-investimenti żdiedu b'mod sinifikanti bejn l-2003 u l-PRI i.e. b'60 %, u imbagħad żdiedu fl-2005, b'madwar 65 %, li kien dovut minħabba l-iżvilupp ta' unitajiet ġodda tal-produzzjoni mill-industrija Komunitarja. Dawn l-investimenti huma relatati prinċipalment mar-riorganizzazzjoni tal-produzzjoni mill-2005 sabiex jinbdeu mill-ġdid il-kapaċitajiet tal-produzzjoni. Din iż-żieda, li saret b'żieda limitata fil-forza tax-xogħol, ippermettiet lill-kumpanija li żżid il-produttività tagħha f'termini ta' produzzjoni għal kull impjegat.

Tabella 10 – Investimenti

	2003	2004	2005	PRI
Investimenti	—	—	—	—
Indiċi	100	111	165	160
Xejra Y/Y		11 %	49 %	– 3 %

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju

6.8. Il-fakultà tal-ġbir ta' kapital

- (69) L-industrija Komunitarja ma nstabitx li kienet għaddeja minn diffikultajiet sabiex tgħaqqad il-kapital matul il-perjodu meqjus.

6.9. Likwidità

- (70) Il-likwidità naqset b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat (– 50 %). Din ix-xejra negattiva tindika li l-industrija qiegħda taħt pressjoni. Dan l-iżvilupp jimxi ma' l-iżvilupp tal-profitabbiltà globali matul il-perjodu meqjus. Ta' min jinnota li matul il-PRI, il-likwidità rrappreżentat biss madwar 1 % tal-bejgħ totali li sar fil-Komunità li ma jistax jitqies eċċessiv.

Tabella 11 – Likwidità

	2003	2004	2005	PRI
Il-likwidità	—	—	—	—
Indiċi	100	74	72	50
Xejra Y/Y		– 26 %	– 4 %	– 30 %

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju

6.10. Tkabbir

- (71) Bejn l-2003 u l-PRI, il-konsum Komunitarju żdied b'37 %, filwaqt li l-volum tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju naqas b'7 %. L-industrija Komunitarja tilfet madwar 14.7 punti perċentwali tas-sehem mis-suq, filwaqt li importazzjonijiet li joriġinaw fil-Lvant Imbiegħed żiedu tagħhom.

- (72) Fis-snin riċenti, għalkemm huwa veru li s-sehem mis-suq bejn il-lighters taż-żnied u elettroniki (piezo) kien ikkaratterizzat minn bidla minn Żnied għal Elettronika, l-investigazzjoni wriet li s-suq għal-lighters taż-żnied qed jikber. L-investigazzjoni wriet li l-lighters taż-żnied għadhom jirrappreżentaw madwar 70 % tas-suq Komunitarju u qed ikompli jikber, minħabba ż-żieda ġenerali fil-konsum Komunitarju. Madankollu, l-industrija Komunitarja ma kinitx kapaċi tibbenefika mit-tkabbir fis-suq, kif ġie żvelat mit-telf tagħha ta' sehem mis-suq.

6.11. Il-kobor tal-marġini ta' dumping

- (73) L-analiżi fir-rigward tal-kobor tad-dumping trid tqis il-fatt li hemm miżuri fis-seħħ sabiex jiġi eliminat id-dumping li jagħmel ħsara. Kif ġie ddeterminat hawn fuq fil-premessa (32), it-tagħrif disponibbli jindika li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jkomplu jbigħu lill-Komunità bi prezzijiet iddampjati. Skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-valur medju normali mwieżen stabbilit għall-pajjiż analogu kien ipparagunat mal-prezz medju bil-piż differenzjat ta' l-esportazzjoni. Dan il-paragun wera l-eżistenza ta' dumping sinifikanti, il-marġini ta' dumping ammonta għal aktar minn 150 %.
- (74) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, i.e. il-marġini għoli ta' dumping, il-kapaċità kbira disponibbli fiċ-Ċina u l-prattiċi ta' skartar, kif muri mill-OLAF u min ressaq l-ilment, jista' jiġi konkluż li l-importazzjonijiet dumped miċ-Ċina x'aktarx li jżiedu b'mod konsiderevoli jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

6.12. Irkupru mill-effetti ta' dumping ta' l-imgħoddi

- (75) Il-qagħda ta' l-industrija Komunitarja ma tjbix matul il-perjodu meqjus, minn mindu saret l-estensjoni tal-miżuri fl-2001 permezz tar-reviżjoni ta' l-iskadenza preċedenti. Filwaqt li tinnota li l-Industrija Komunitarja kienet qed tagħmel profitt matul il-perjodu kkunsidrat, il-profitti komplew jonqsu matul il-perjodu. Bl-istess mod, filwaqt li l-industrija żammet livell aktarx għoli tas-sehem mis-suq, dan kien qed jonqos il-ħin kollu matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, il-pessjoni mill-importazzjonijiet Ċiniżi baqgħet (minħabba l-iskartar) u l-indikaturi stabbiliti hawn fuq juru wkoll li l-industrija Komunitarja għadha fragħi u vulnerabbli.

6.13. Attività ta' l-esportazzjoni ta' l-industrija Komunitarja

- (76) L-investigazzjoni wriet illi l-attività ta' l-esportazzjoni ta' l-industrija Komunitarja żviluppat kif ġej:

Tabella 12 – L-esportazzjoni ta' l-industrija Komunitarja

	2003	2004	2005	PRI
Volum (unità)	—	—	—	—
Indiċi	100	113	129	135
Xejra Y/Y		+ 13 %	+ 14 %	+ 5 %
Valur (000' EUR)	—	—	—	—
Indiċi	100	107	134	147
Xejra Y/Y		+ 7 %	+ 25 %	+ 10 %
Prezz medju (EUR/unit)	—	—	—	—
Indiċi	100	95	104	109
Xejra Y/Y		- 5 %	+ 9 %	+ 5 %

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju

(77) Il-kwantitajiet esportati mill-industrija Komunitarja żdiedu b'mod sinifikanti mill-2003 sal-PRI. Din ix-xejra pożittiva ġenerali kienet konkomitanti ma' żieda żgħira fil-prezzijiet medji, spjegati b'pożizzjoni kompetittiva aħjar fi swieq ta' pajjiżi terzi bħall-Istati Uniti.

7. Il-konklużjoni dwar il-qagħda ta' l-industrija Komunitarja

(78) L-istess volumi naqsu b'5 % bejn l-2003 u l-PRI li sarraf ftelf ta' sehem mis-suq minn 47.7 % fl-2003 għal 33 % fil-PRI. Il-prezzijiet ta' l-unità naqsu bi ftit mill-2003 sal-PRI, i.e. bi 3 %, għalkemm il-prezzijiet tal-materja prima żdiedu. Il-profitabbiltà ta' l-industrija Komunitarja naqset matul il-PRI. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u r-rata ta' l-użu tal-kapaċità żdiedu, li madankollu hija dovuta għal żieda fl-attivitajiet ta' esportazzjoni ta' l-industrija Komunitarja. Storikament, is-settur dejjem wera livell għoli ta' profittabbiltà li huma meħtieġa għall-investiment neċessarju għall-addattar tal-produzzjoni għal kundizzjonijiet ġodda tas-sigurtà u għat-titjib tal-kompetittività ġenerali tal-kumpanija. Għandu jiġi nnutat li l-marġini tad-dannu kkalkolat għall-PRI kien aktar minn 60 %. L-importazzjonijiet mir-RPĊ u t-Tajwan kienu anqas mill-prezzijiet ta' l-Industrija Komunitarja b'medja ta' 39 %.

(79) L-investimenti annwali fil-prodott simili żviluppaw b'mod pożittiv matul il-perjodu kkunsidrat i.e. żdiedu b'60 %. Dawn l-investimenti huma relatati prinċipalment ma' l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-produzzjoni mill-2005 sabiex jimbew mill-ġdid il-kapaċitajiet tal-produzzjoni. L-impjegi żdiedu b'5 %. Il-likwidità żdiedet bl-istess xejra bħall-profitt matul il-PRI u naqset b'50 %.

(80) Il-premessi (69) u (70) hawn fuq juru li l-fatturi ewlenin tad-dannu (prezzijiet tal-bejgħ, volum tal-bejgħ, sehem mis-suq u profittabbiltà) naqsu matul il-perjodu kkunsidrat u li l-industrija Komunitarja xorta sofriet dannu minkejja l-miżuri fis-seħħ. Id-dannu prinċipalment jissarraf ftelf mis-sehem tas-suq minkejja żieda fil-konsum, imma wkoll fi tnaqqis fil-profittabbiltà minħabba l-pressjoni fuq il-prezz minħabba l-importazzjonijiet mir-RPĊ u t-Tajwan. Għalhekk, iż-żieda fl-ispejjeż tal-materja prima ma setgħetx twassal għal prez-zijiet tal-bejgħ ogħla.

(81) Storikament, is-settur dejjem wera livell għoli ta' profittabbiltà. Fl-investigazzjoni oriġinali, bil-għan li jkun stab-bilit il-livell ta' ħsara, kien ikkunsidrat li kull miżura

għandha tippermetti lill-industrija Komunitarja li tkopri l-ispejjeż tal-produzzjoni u tikseb qligħ raġonevoli, jiġif-feri ta' 15 % tal-valur tal-bejgħ. Dan il-perċentwali huwa meħtieġ għall-investiment neċessarju għall-addattar tal-produzzjoni għal kundizzjonijiet ġodda tas-sigurtà u għat-titjib tal-kompetittività ġenerali tal-kumpanija.

(82) Ix-xejra kemmxejn negattiva ta' l-Industrija Komunitarja, minkejja l-miżuri fis-seħħ, tista' tiġi spjegata minn grad għoli ta' skartar li jkkaratterizza s-settur, kif instab mill-OLAF.

(83) L-importaturi kkuntestaw il-konklużjonijiet tal-Kummiss-joni rigward is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija Komunitarja. Il-figuri ppreżentati sabiex jissostanzjaw l-istqarrija taġghom madankollu ma kinux relatati mas-sitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja fl-Ewropa fir-rigward ta' lighters tal-but, taż-żnied, li jistgħu jergħu jimtlew, iżda ma' attivitajiet dinjija tal-produtturi Komu-nitarji fir-rigward tal-qasam kollu tal-lighters. Dan it-tagħrif kien irrelevanti għad-determinazzjoni ta' l-istat ta' l-industrija Komunitarja u l-argument kellu għalhekk jiġi rrifjutat.

(84) L-importaturi qalu li l-produttur Komunitarju kien qaleb parti sinifikanti tal-produzzjoni Komunitarja minn ligh-ters taż-żnied għal dawk tal-piezo. B'konsegwenza ta' dan, is-sehem mis-suq għal-lighters taż-żnied wera xejra ta' tnaqqis. L-investigazzjoni żvelat li din id-dikjarazzjoni hija inkorretta. Fil-fatt, is-suq Komunitarju ġenerali tal-lighters kien qed jiżdied matul l-aħħar snin u s-sehem tal-lighters taż-żnied kien qed jonqos bi ftit imma baqa' fil-livell ta' 70 % fl-2006. Fid-dawl ta' dan, għandu jiġi mfakkar li l-konsum tas-suq taż-żnied żdied matul il-perjodu kkunsidrat u li s-sehem tal-lighters taż-żnied mibjugħa mill-industrija Komunitarja naqas matul il-perjodu kkunsidrat. L-argumenti mressqa ġew għalhekk irrifjutati.

(85) L-importaturi argumentaw li l-produttur Komunitarju għandu monopolju fil-Komunità u l-miżuri anti-dumping jkomplu jsaħħu aktar il-pożizzjoni tiegħu. Din id-dikja-razzjoni mhix korretta minħabba li hemm volumi ta' importazzjoni sinifikanti li qed jidħlu fis-suq Komunitarju minn pajjiżi terzi. Aktar minn hekk, il-produttur Komu-nitarju kien qed jikkompeti ma' produtturi oħra fil-Komunità. Addizzjonalment, għandu jiġi nnutat li ma tressqu ebda provi li jindikaw li l-industrija Komunitarja abbużat l-allegata pożizzjoni dominanti.

(86) Is-sitwazzjoni ekonomika pożittiva ġenerali ta' min ressaq l-ilment hija spjegata parzjalment bil-kapaċità tagħhom li jbiegħu l-prodott ikkonċernat, prodott fl-Istati Uniti u fl-UE, bi prezz ta' l-unità ogħla fis-suq ta' l-Istati Uniti minħabba li l-istandard ogħla tas-sigurtà u l-preżenza tas-sigurtà għat-tfal fuq il-prodott ikkonċernat ippermetta lil min ressaq l-ilment li jbiegħ il-prodott ikkonċernat bi prezz ogħla. Finalment, għandu jiġi nnutat li l-lighters taż-żnied huma rappreżentati b'mod massiv fis-suq ta' l-Istati Uniti u t-tkabbir relattiv tas-suq tal-lighters, minkejja tnaqqis kostanti fin-numru ta' dawk li jpejpu, juri li l-Industrija Komunitarja kienet kapaċi tiġġenera marġini ta' tkabbir f'suq ferm kompetittiv.

F. IL-PROBABBLITÀ TA' RIKORRENZA TA' DANNU

(87) Minkejja li t-tkomplija tad-dannu materjali, kawżat b'dikjarazzjoni qarrieqa tal-prodott ikkonċernat u bi skartar tal-prodott ikkonċernat li joriġina fir-RPĊ minn pajjiżi oħra Asjatiċi, huwa appoġġat mill-iskoperti ta' l-OLAF (ara l-premessa (33)), l-analiżi ffokat fuq il-probabblità ta' rikorrenza tad-dannu. F'dan ir-rigward ġew analizzati żewġ parametri ewlenin: (1) ixxiftjar possibbli tal-volumi ta' l-esportazzjoni tal-prodott konċernat mill-Istati Uniti fis-suq Komunitarju, (2) l-effetti ta' dawk il-volumi proġettati u l-prezzijiet mill-pajjiż ikkonċernat fuq l-industrija Komunitarja.

1. Spostar ta' volumi esportati mill-Istati Uniti għas-suq Komunitarju

(88) It-tnaqqis mis-sehem tas-suq tal-lighters Ċiniżi fl-Istati Uniti juri li l-volumi importati jistgħu jiġu trasferiti għas-suq Komunitarju bi prezz baxx ħafna. Aktar minn hekk, kif imsemmi hawn fuq fil-premessa (37) hemm kapaċitajiet kbar ta' produzzjoni tal-prodott ikkonċernat disponibbli fir-RPĊ li jista' jiġi spostat lejn l-UE. Huwa ferm probabbli li, jekk il-miżuri jiġu revokati, l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ probabbilmint jiġu preferuti mill-perspettiva ta' livelli ta' prezzijiet ogħla minn tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

2. L-effetti ta' dawn l-importazzjonijiet fuq il-Komunità

(89) Jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, jidher ċar li, minħabba l-prezz aktar baxx u l-kapaċitajiet eżistenti tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-maġġoranza ta' l-indikaturi tad-dannu (prinċipalment il-volum tal-bejgħ, l-ispiża tal-produzzjoni u l-profitabbiltà) ta' l-Industrija Komunitarja jonqsu b'mod sinifikanti.

3. Konklużjoni dwar il-probabblità ta' rikorrenza tal-ħsara

(90) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq u minħabba li l-marġini tad-dannu għall-PRI kien aktar minn 60 % u li l-importaz-

zjonijiet mir-RPĊ u t-Tajwan kienu taħt il-prezzijiet ta' l-Industrija Komunitarja b'medja ta' 39 % qed jiġi konkluż li r-revoka tal-miżuri wisq probabbli twassal għal rikorrenza tad-dannu materjali għall-industrija Komunitarja.

(91) Wieħed mill-produtturi fil-Komunità li ma lmentax ikkontesta l-konklużjonijiet t'hawn fuq billi allega li minħabba li l-lighters bi prezz baxx huma importati minn sorsi varji oħra, ir-revoka tal-miżuri kurrenti ma jkollhiex effett fuq is-sitwazzjoni proprja ta' l-industrija Komunitarja. Sar l-argument li jekk kien hemm xi dannu, kien diġà jeżisti minħabba l-importazzjonijiet minn dawn is-sorsi l-oħra. Madankollu, dan il-produttur Komunitarju ma kkontestax id-disponibbiltà tal-kapaċitajiet żejda sinifikanti fiċ-Ċina u l-inċentiv għall-produtturi esportaturi Ċiniżi li jaqilbu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn is-suq Komunitarju. Bl-istess mod, ma ppreżenta ebda informazzjoni jew evidenza li turi rabta bejn l-importazzjonijiet tal-lighters minn pajjiżi terzi oħra u l-impatt fuq is-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-industrija Komunitarja. Ebda wieħed minn dawn l-argumenti li nġiebu ma seta' jiddevalwa l-konklużjonijiet kif spjegati hawn fuq fil-premessi (87) sa (90). Dan l-argument ġie għalhekk irrifjutat.

G. L-INTERESS KOMUNITARJU

1. Daħla

(92) B'konformità ma' l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku ġie eżaminat jekk il-prolongazzjoni tal-miżuri anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interess Komunitarju bħala entità sħiħa. Id-determinazzjoni ta' interess Komunitarju għet ibbażata fuq il-kunsiderazzjoni ta' l-interessi varji kollha involuti, jiġifieri dawk ta' l-industrija Komunitarja u produtturi Komunitarji oħra, u l-importaturi tal-prodott meqjus.

(93) Ta' min ifakkar li, fl-investigazzjonijiet ta' qabel, l-adozzjoni ta' miżuri u l-estensjoni sussegwenti tagħhom dejjem instabet li ma tmurx kontra l-interess Komunitarju.

(94) Abbażi ta' dan kien mistħarreġ jekk, minkejja l-konklużjoni li teżisti l-probabblità ta' rikorrenza ta' dumping u rikorrenza ta' ħsara, kienx hemm raġunijiet b'saħħithom li se jwasslu għall-konklużjoni li mhijiex fl-interess Komunitarju li jibqgħu għaddejjin il-miżuri f'dan il-każ partikolari.

2. L-interessi ta' l-industrija Komunitarja

(95) Jekk il-miżuri kontra x-xiri taħt il-prezz ikunu mħassra, l-importazzjoni ta' prodotti mixtrija taħt il-prezz jew bi prezz baxx fis-suq Komunitarju tiżdied ħafna u taċċelera d-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja.

(96) L-Industrija Komunitarja hija strutturalment vijabbli, kif jidher bir-riżultat pożittiv fis-swieq li mhux ta' l-UE, b'hall-Istati Uniti. Għamlet investimenti kontinwi, li kienu possibbli minħabba l-profitti għoljin. Madankollu, jista' jkun konkluż li, mingħajr il-kontinwazzjoni ta' miżuri kontra x-xiri taħt il-prezz, is-sitwazzjoni tagħha x'aktarx li teħżien.

3. L-interessi tal-produtturi Komunitarji l-oħra

(97) Wieħed mill-produtturi Komunitarji li ma ppreżentax tweġibiet għall-kwestjonarju qal li l-miżuri anti-dumping fis-seħħ b'ħalissa huma ta' detriment għall-konsumatur Ewropew. B'mod partikolari, dan il-produttur qal li l-livelli tal-prezz fil-Komunità huma ogħla meta mqabbla ma' swieq terzi minħabba l-miżuri eżistenti. Aktar minn hekk, dan il-produttur, li mexxa parti mill-produzzjoni fir-RPĊ, qal li minħabba li miżuri eżistenti huma wkoll applikabbli għall-esportazzjonijiet tiegħu tal-prodott ikkonċernat manifatturat fiċ-Ċina lejn il-Komunità, dawn il-miżuri jkunu qed jagħmlu ħsara lill-kumpanija u għalhekk ikunu kontra l-interessi Komunitarji.

(98) Dan il-produttur argumenta wkoll li, minħabba li l-industrija Komunitarja ma rkupratx, il-miżuri eżistenti kienu ineffiċjenti u m'għandhomx jiġġeddu. Finalment, intqal li kull dannu kien dovut għall-fatt li l-industrija Komunitarja ma adattatx għas-suq dinji għdid.

(99) Rigward l-impatt negattiv allegat tal-miżuri fuq il-konsumaturi, il-produttur Komunitarju konċernat ma ppreżenta ebda prova li tappoġġa din l-istqarrija.

(100) Dan il-produttur qal li l-miżuri anti-dumping jikkostitwixxu ostakolu għall-iżvilupp ta' l-attivajiet tiegħu fiċ-Ċina u għandhom impatt negattiv fuq l-espansjoni tiegħu fil-Lvant Imbiegħed, kif ukoll effett sekondarju fuq is-siti ta' produzzjoni tiegħu fl-Ewropa. Dan il-produttur argumenta li l-miżuri eżistenti kellhom impatt negattiv fuq il-profitabbiltà ġenerali tiegħu. Madankollu, il-kumpanija indikat li riċentament żiedet il-produzzjoni tagħha fil-faċilitajiet ta' l-UE u komplet tfitx sinerġiji mal-faċilitajiet ta' produzzjoni fil-Lvant Imbiegħed sabiex twessa' l-iskop tal-prodott. Għalhekk, l-allegat impatt negattiv tal-miżuri fuq il-faċilitajiet ta' produzzjoni fl-UE ma setax jiġi vverifikat.

(101) Il-produttur Komunitarju in kwestjoni ċaħad li irriloka l-produzzjoni tiegħu u qal minflok li sempliċiment bena

linji ta' produzzjoni addizzjonali fiċ-Ċina li jipproduċu tipi differenti ta' prodott milli fil-Komunità, u għalhekk kabbar il-linja tal-prodott. Dan allegatament iffavorixxa l-produzzjoni fil-Komunità li żdiedet. Kif imsemmi qabel dan il-produttur ma wegħibx il-kwestjonarju u għalhekk ma kkoperax biżżejjed fil-proċedimenti preżenti. L-informazzjoni ppreżentata, parti minnha wara li skada ż-żmien, ma setgħetx tiġi vverifikata. Aktar minn hekk, il-produttur ma spjegax u lanqas ma wera xi rabta bejn iż-żieda fil-produzzjoni fiċ-Ċina u t-tnaqqis tal-produzzjoni fil-Komunità. Ebda rabta ma kienet apparenti fuq il-bażi ta' l-informazzjoni inkluża fil-fajl. Lanqas ma spjega kif dawn il-fatti setgħu kellhom impatt fuq il-konklużjonijiet enfasizzati fil-premessa (99) hawn fuq jew jiddevalwaw dawn il-konklużjonijiet. Dan l-argument kellu għalhekk jiġi rrifjutat.

(102) Bl-istess mod, l-importazzjonijiet tal-kumpanija m'għandhomx jitħallew jibbenefikaw mid-dumping b'detriment għall-industrija Komunitarja. F'kwalunkwe każ, għandu jiġi nnutat li s-sit tal-produzzjoni li fadal ta' dan il-produttur fil-Komunità jipproduċi biss il-prodott ikkonċernat. Huma prodotti fiċ-Ċina u fl-Indja lighters ġodda taż-żnied, li huma iżgħar, li huma suġġetti wkoll għall-miżuri eżistenti.

(103) Fir-rigward ta' l-interessi tal-produtturi Komunitarji l-oħra, it-tnejn oġġezzjonaw għall-miżuri eżistenti u għat-tkomplija tagħhom. Madankollu, ma setgħux jissostanzjaw l-oġġezzjonijiet tagħhom b'xi evidenza ta' effetti negattivi fuqhom minħabba l-miżuri.

(104) Fuq il-bażi ta' dan t'hawn fuq, ġie konkluż li l-miżuri fis-seħħ ma jkollhomx impatt sinifikanti negattiv fuq il-produtturi Komunitarji l-oħra u ma jaffettwawx b'mod negattiv l-interessi finanzjarji tagħhom.

4. L-interessi ta' importaturi u kummerċjanti

(105) F'isem il-membri tagħhom, assoċjazzjoni ta' l-importaturi, l-Assoċjazzjoni Ewropea ta' l-Importaturi tal-Lighters ("ELIAS") u Polyconcept, importatur ieħor opponew il-preservazzjoni tal-miżuri eżistenti.

(106) Għandu jiġi nnutat li ebda wieħed mill-importaturi individwali ma wieġeb il-kwestjonarju fuq il-bażi li ma importawx il-prodott ikkonċernat. Għalhekk ma kienx hemm evidenza disponibbli għall-kalkolazzjoni ta' l-impatt preċiż tal-miżuri fuq l-importaturi.

- (107) ELIAS u Polyconcept taw xi raġunijiet li għalihom għandhom jitħallew jiskadu l-miżuri eżistenti. Rigward il-kummenti tagħhom rigward in-nuqqas ta' dannu u r-rendiment ekonomiku ta' l-applikant, ġie konkluż li, mingħajr it-tkomplija tal-miżuri anti-dumping, is-sitwazzjoni x'aktarx li tkompli tmur għall-aġar.
- (108) ELIAS u Polyconcept argumentaw li d-domanda tas-suq ta' l-UE mxiet miż-żnied għal-lighters elettroniċi (piezo) u se tkompli tagħmel dan fil-futur. Għalkemm hemm xejra ta' tkabbir fost il-konsumaturi li jużaw il-lighters elettroniċi (piezo), il-lighters taż-żnied għadhom jirrappreżentaw 70 % tas-suq. Il-konsum tal-lighters taż-żnied fil-fatt kien qed jiżdied, kif imsemmi fil-premessa (53) hawn fuq, li juri t-tkabbir fis-suq, filwaqt li l-industrija Komunitarja ma setgħetx tibbenefika mit-tkabbir, minħabba li mhux biss tilfet il-bejgħ, imma wkoll is-sehem tas-suq tal-lighters taż-żnied.
- (109) ELIAS u Polyconcept qalu li wieħed mir-raġunijiet tar-rendiment dgħajfef allegat kien in-nuqqas mill-applikant li jaġraf il-bidliet fid-domanda tas-suq ta' l-UE. Madankollu, l-industrija Komunitarja diġà qed tipproduċi lighters elettroniċi (piezo) u għalhekk qiegħda f'pożizzjoni li tlaħħaq ma' kull domanda ġdida għal-lighters elettroniċi (piezo).
- (110) Bl-istess mod, it-tnaqqis fit-tipjip hija xejra wkoll fl-Istati Uniti, filwaqt li l-industrija Komunitarja rnexxielha żżid is-sehem tas-suq tagħha f'dak li huwa kkunsidrat bħala suq ferm kompetittiv minħabba l-preżenza ta' ħafna produttori oħra, kemm jekk joriġinaw fil-Lvant Imbiegħed kif ukoll fl-UE. Rigward l-ispejjeż tal-produzzjoni, l-eżempju ta' l-Istati Uniti juri li l-industrija Komunitarja kapaċi tikkompeti ma' produttori oħra fil-Komunità li rrilokaw l-attivitajiet tagħhom f'pajjiżi Asjatiċi.

5. L-interess tal-konsumaturi

- (111) Il-konsumaturi u l-organizzazzjoni tal-konsumaturi ma pparteċipawx matul l-investigazzjoni preżenti.
- (112) Madankollu, kien ikkunsidrat li l-impatt tal-miżuri, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, ma jkollux impatt sinifikanti fuq il-prezz tal-bejgħ lill-konsumatur finali.

6. Konklużjoni dwar l-interess Komunitarju

- (113) Fuq il-bażi ta' l-ntqal hawn fuq, il-konklużjoni hi illi ma hemmx raġunijiet sodi biżżejjed fuq bażi ta' interess Komunitarju kontra l-preservazzjoni tal-miżuri anti-dumping eżistenti.

H. MIŻURI ANTI-DUMPING

- (114) Il-partijiet interessati kollha kienu informati bil-fatti u konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom hemm l-intenzjoni li jiġi rrakkomandat illi l-miżuri eżistenti jinżammu għaddejjin. Huma ngħataw ukoll perjodu sabiex jaġhmlu rappreżentazzjonijiet sussegwenti ta' din l-espożizzjoni. Ma tressqet ebda evidenza li turi li l-estensjoni bir-Regolament (KE) Nru 192/1999 għandha titwaqqaf topera.
- (115) Isegwi minn dan ta' hawn fuq li, kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, għandhom jibqgħu fis-seħħ, il-miżuri kontra x-xiri taħt il-prezz applikabbli għal importazzjoni ta' lighters tal-but, tal-gass u ż-żnied, li ma jistgħux jergħu jimtlew, u għal ċerti lighters li jimtlew, li joriġinaw miċ-Ċina jew kunsinnati minn jew li joriġinaw mit-Tajwan, imposti bir-Regolament (KEE) Nru 3433/91 kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1006/95 u r-Regolament (KE) Nru 192/1999 kif estiż bir-Regolament (KE) Nru 1824/2001 għandu jinżamm,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Huwa b'dan impost dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' lighters tal-but, tal-gass u ż-żnied, li ma jistgħux jergħu jimtlew, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 9613 10 00 (kodiċi TARIC 9613 10 00 19) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju, applikabbli għall-prezz nett, liberu fil-fruntiera Komunitarja, qabel id-dazju, għandu jkun ta' EUR 0,065 għal kull lighter.

Artikolu 2

1. Id-dazju anti-dumping imsemmi fl-Artikolu 1 huwa b'dan estiż għal importazzjonijiet ta' lighters tal-but, tal-gass u ż-żnied, li ma jistgħux jergħu jimtlew, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 9613 10 00, kusinnati mit-Tajwan, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajwan kif ukoll jekk le (kodiċi TARIC 9613 10 00 11) u għal importazzjonijiet ta' lighters tal-but, tal-gass u ż-żnied, li jistgħu jergħu jimtlew, li jinkorporaw korp f'forma ta' kontenitur tal-plastik, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 9613 20 90 (kodiċi TARIC 9613 20 90 29), li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u kunsinnati mit-Tajwan, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajwan kif ukoll jekk le (kodiċi TARIC 9613 20 90 21).

2. Il-lighters tal-but, tal-gass u ż-żnied, li jistgħu jerġgħu jimtlew, li jinkorporaw korp f'forma ta' kontenitur tal-plastik, b'valur, dazju mhux imħallas, liberu fil-fruntiera Komunitarja, għal kull biċċa, daqs jew akbar minn 0,15 EUR, ma għandhomx ikunu suġġetti għad-dazju estiż mill-paragrafu 1, jekk dan il-prezz ikun speċifikat ffattura maħruġa minn esportatur, li jinsab fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina jew fit-Tajwan, lil importatur mhux konness fil-Komunità.

Artikolu 3

1. Fil-każijiet fejn il-merkanzija tkun sofriet danni qabel id-dħul fiċ-ċirkolazzjoni libera u, għalhekk, il-prezz li fil-fatt tħallas jew li jkun pagabbli jiġi diviż għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur doganali skond l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-

Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ⁽¹⁾, l-ammont tad-dazju anti-dumping, kalkolat fuq il-bażi ta' l-ammonti stabbiliti hawn fuq, għandu jitnaqqas b'perċentwali li jikkorrispondi għad-diviżjoni tal-prezz li fil-fatt tħallas jew li jkun pagabbli.

2. Sakemm ma jiġix speċifikat diversament, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar dazji doganali.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

L. AMADO

⁽¹⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.